**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 34 – 8 ta' Mejju 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 34. Il-laqgħa bdiet fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| Assenti: | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| Uffiċjal preżenti: | Paula M. Valletta | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li jigu approvati l-minuti ta Agenda 32. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati (146).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Is-Segretarju Ezekuttiv intalbet sabiex tinforma lill-Kunsill jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-korsijiet tal-computer b'kollaborazzjoni mal-MCA. Hija spjegat li saru l-arrangament mal-iskola Sekondarja sabiex jibdew lezzjonijiet filghaxija imbaghad aktar tard meta tispicca l-iskola jsiru wkoll lezzjonijiet filghodu u kmieni wara nofsinhar.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li saritlu talba mill-Kazin San Filep sabiex nhar is-Sibt 7 ta' Gunju, Triq Giovanni Pullicino tinghalaq sabiex ikun jista' jigi segwit l-loghob tan-nar issinkronizzat mal-muzika li ser jsir mill-istess socjeta'. Is-Sindku kkonferma li din is-socjeta ghandha ftehim ma' xi hadd li ser jarma bi kjosk kbir. Il-Kunsillier Cain Grech qal li kollox ghandu jsir bil-miktub.

Fis-7:05p.m. dahal il-Kunsillier Philip Said.

Ghaldaqstant gie deciz li ghandha tintbaghat ittra lill-Kazin San Filep fejn ghandhom jinkitbu l-kundizzjonijiet li ser jaghmel il-Kunsill lil dan il-Kazin sabiex jinghata l-permess li ssir din l-attivita'. Dawn huma l-kundizzjonijiet:

a. Il-Kazin huwa responsabbli mill-hlasijiet tat-tindif, tal- gwardjani lokali u mobile toilets,
b. Triq Giovanni Pullicino tinghalaq wara s-7.00pm u tinfetah sa 12, u li l-parkegg jitnehha mill-5.00pm. 'il quddiem,
c. Din l-attivita hija koperta mill-insurance ,
d. Li jingiebu il-permessi mill-entitajiet kollha,
e. Li ma jkunx hemm *pre* jew *after* parties,
f. Li tizzejjen Triq Giovanni Pullicino,
g. Li jittiehdu l-mizuri kollha sabiex ma' jinholoq l-ebda inkonvenjent ghar-residenti.

Il-Kunsill qabel li dan huwa esperiment ta'sena u ghaldaqstant ma jfissirx li s-sena d-diehla dan ser jerga jinghata.

Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li l-kunsill iwiegeb f'dan is-sens. Il-Kunsillier George Cortis ssekonda din il-mozzjoni

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u George Cortis

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Vici-Sindku Thomas Agius

Il-mozzjoni ghaddiet (147).

2.2 Il-Kunsillier Philip Said saqsa jekk hux mahsub li ssir il-Healthfest din is-sena. Is-Sindku qal li ghadna qeghdin nistennew risposta dwar x'attivitajiet hemm fil-kalendarju bejn Ottubru u Novembru 2014.

2.3 Il-Kunsillier Cain Grech semma' il-problema ta' rimi li qed issir f'Wied Baqqiegha. Huwa ssuggerixxa li fuq talba tal-Valleys Management Unit mill-Ministeru tat-Trasport, ghandha ssir laqgha on the spot sabiex naraw x'jista' jsir.

## 3. VOT TAL-FLUS

3.1 Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li l-vot tal flus ta' Eur43,784.31 jigi approvat kif pprezentat.

Il-Vici Sindku Thomas Agius qal li ser jastjeni minn parti mill-vot fejn ser isiru pagament lill-kuntratturi Wilson Mifsud, Mario Cachia, Med Design. Ghall- kumplament tal-vot tal-flus il-Vici-Sindku vvota favur.

Il-Kunsillier Robert Tabone qal li ser jastjeni mill-vot ghall-pagament li ser isir favur Mario Cachia. Ghall- kumplament tal-vot tal-flus il-Kunsillier Tabone vvota favur.

Is-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsilliera Philip Said, Cain Grech, Catherine Sammut u George Cortis kienu kollha favur li l-vot tal-flus jghaddi kif pprezentat. (148)

3.2 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni li tikkoncerna il-laqgha li saret fil-5 ta' Mejju 2014 dwar l-approvazzjoni tal-Audited Accounts.

"*Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug imlaqqa' llum 8 ta' Mejju 2014, ha konjuzzjoni ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2014, li kienet fi stadju ta' kumitat li kienet mal-awdituri, Messrs Grant Thornton, imqabbdin fuq inkarigu tal-Awditur Generali.*

*Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug jinnota:*

1. *Fuq mistoqsija diretta li saret lill-awdituri, huma stqarrew li m'ghandhom l-ebda evidenza ta' irregolaritajiet jew "misappropriation of funds"*
2. *Li l-aggustamenti li saru li permezz taghhom l-izbilanc tela' minn Eur168,251 ghal Eur265,191 huwa maghmul primarjament minnn zewg aggustamenti; iz-zieda fil- "provision for bad debts" li hija attribwita ghal hlasijiet ta' citazzjonijiet li ghadhom ma sarux u li allura sabiex inkunu*

*prudenti parti minn dan l-ammont ghandu jitpogga f'din il-kategorija u z-zieda fid-"depreciation for urban improvement" li hija attribwita ghall-fatt li skont il-principji u l-proceduri tal-accounts, id-dwalijiet li gew installati fi Vjal il-Helsien ghandhom jigu ddiprezzati ghall-ammont shih fl-ewwel sena.*

3. *Li l-izbilanc tela' minhabba investiment infrastrutturali li sar f'dawn l-ahhar snin, liema investiment jammonta ghal Eur2,763,262*

*In vista ta' dan kollu, il-Kunsill qed japprova r-rapport finali ghas-sena 2013, kif aggustat mill-awdituri"*

Din il-mozzjoni giet sekondata mill-Kunsillier Cain Grech.

Il-Kunsillier George Cortis qal li ser jivvota favur din il-mozzjoni, minhabba l-fatt li l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug ghandu x'juri ghal dan l-izbilanc ghax sar hafna investiment infrastrutturali, liema investiment huwa kollu ta' natura kapitali. Huwa qal li qed jiehu spunt mill-mistoqsija li saret mill-Kunsillier Philip Said, dakinhar tal-5 ta' Mejju 2014 meta saret laqgha fi stadju ta' kumitat mal-awdituri, u li bit-twegiba li nghata l-istess kunsillier mill-Awdituri, il-konkluzjoni hija li d-deficit huwa ggustifikat u li sewa ta' gid ghal min jaghmel uzu mit-toroq. Il-Kunsillier Philip Said qal li qed jaqbel ma' dan kollu.

Ghaldaqstant ittiehed vot dwar din il-mozzjoni.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said u George Cortis

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Vici-Sindku Thomas Agius

Il-Vici Sindku Thomas Agius iddikjara li huwa ma ppartecipax fl-ebda mument kemm waqt id-diskussjoni li saret fi stadju ta' kumitat u kemm meta ttiehed dan il-vot.

Il-mozzjoni ghaddiet. (149)

3.3 Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar li-kjosks li jarmaw fejn il-Gianpula. Huwa ppropona li ghall-istagun li jibda fit-30 ta' Gunju u jispicca fit-30 ta' Settembru 2014, dawn il-hames kjosks li ser jokkupaw dawk il-hames postijiet ser ikollhom dawn il-kundizzjonijiet:

1. Il-permess jinhareg biss jekk l-applikant jaghmel depozitu ta' Eur500, liema depozitu jinghata lura fl-ahhar ta' l-istagun jekk il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug jara li ma tkun inkisret l-ebda kundizzjoni.

2. Sabiex jinhareg il-permess ghandhom jigu prezentati dawn id-dokumenti originali;
   a. certifikat tal-assikurazzjoni fejn terzi jkunu koperti
   b. certifikat mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha
   c. *Trading License*
   d. Certifikat mahrug mid-Dipartiment tal-VAT
   e. I.D. *Card*
   f. Ritratt tal-Kjosk

3. Il-post u l-madwar fejn jitwaqqaf il-kjosk ghandu jinzamm fl-ahjar stat possibli, filwaqt li ghandu jinhares l-ambjent.

4. Kull min jinhariglu l-permess ghandu jiehu hsieb li jkollu l-provvista tad-dawl, filwaqt li huwa responsabbli jekk jithallew xi boroz ta' skart jew skart f'forma ohra fuq il-post.

5. Il-permess jinghata biss bil-kuntentizza tal-Kunsill Lokali.

6. Il-Kunsill Lokali ghandu d-dritt li ma jgeddidx it-tali permess, filwaqt li ghandu d-dritt li jzomm id-depozitu jekk jara li xi kundizzjoni giet miksura. Ghaldaqstant it-tigdid tal-permess m'huwiex awtomatiku.

7. Il-permess jiswa Eur23.29 u jkopri tlett ijiem. F'kaz li s-sid tal-kjosk ikun jixtieq jarma fir-raba' gurnata fl-istess seba' t'ijiem, dan irid ihallas Eur23.29 ohra. Il-hlas irid jsir xahar bil-quddiem.

Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha prezenti li ghandhom jitpoggew dawn il-kundizzjonijiet lil dawk kollha li jkunu nteressati (150).

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

Ma kien hemm l-ebda  mistoqsija minghand il-kunsilliera.

## 6. AĠĠORNAMENT

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat- 12 ta' Gunju 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8:40 pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Paula M. Valletta |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |